

*Mario Fenech*

# *Xbihat tat-Trinità Qaddisa fil-Gżejjer Maltin*

F'dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena se nagħti ħarsa lejn il-kwadru tat-Trinità Qaddisa u l-Erwieħ li jinsab fuq wieħed mill-altari tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ. L-altar huwa magħruf bħala Tal-Erwieħ.



Dan il-kwadru li sar fis-sena 1659 huwa xogħol l-artist magħruf Luca Garnier u fih allegorija sħiħa ta' figuri li jimlew kull rokna tat-tila li hija meqjusa bħala waħda ta' livell artistiku għoli filwaqt li tispjega bl-aħjar mod dan is-suġġett. Kien sewa mitt skud li għal dak iż-żmien kienet somma kbira sew.

Garnier kien Kavallier Franċiż tal-Ordni ta' San Ġwann u pinġa numru kbir ta' kwadri għal diversi Knejjes oħrajn f'Malta. F'din il-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ, Garnier pinġa wkoll il-kwadri tal-Madonna tar-Rużarju u l-kwadru titulari ta' San Filep.

Biex nagħti deskrizzjoni ta' dan il-kwadru tal-Erwieħ naraw li fil-parti ta' fuq tat-tila l-artist pinġa lill-Missier Etern bilqiegħda fuq tron ta' sħab abjad b'idu l-leminija qiegħed juri t-triq lejn is-sema filwaqt li b'idu l-oħra qiegħed iżomm id-dinja.

*ikompli f'paġna 97*



Fuq in-naħa tax-xellug tat-tila wkoll, fuq it-tron tas-sħab abjad, l-iben t'Alla bl-ilbies ta' kulur ħamrani, simbolu tar-Redenzjoni, iħares 'l isfel lejn il-figura ta' mara liebsa l-abjad tirrappreżenta ruħ tajba qiegħda fi triqitha mil-limbu lejn is-sema. Bejn il-figuri tal-Missier u tal-Iben, hemm Ħamiema Bajda li tirrappreżenta lill-Ispirtu s-Santu.

Figura li fi kwadri ta' dan is-suġġett mhux soltu li narawha hija dik tal-Madonna. Hawnhekk l-artist pinġa din il-figura għarkupptejha fuq sħab abjad b'idejha ma' xulxin qiegħda tħares lejn it-Trinità Qaddisa.

Hawnekk l-artist qagħad attent li meta inkluda l-figura tal-Madonna f'din ix-xena huwa poġġieha ftit 'l isfel mill-figuri l-oħrajn tat-Trinità Qaddisa. Fil-parti t'isfel tal-kwadru hemm numru ta' figuri oħrajn bilwieqfa qegħdin iħarsu 'l fuq lejn ix-xena Qaddisa b'ħarsa ta' tbatija fuq wiċċhom jistennew is-Salvazzjoni tagħhom.

Żewġ anġli fil-parti t'isfel tal-kwadru narawhom qegħdin jerfgħu 'l fuq mill-Purgatorju żewġ erwieħ oħra biex dawn ukoll jingħaqdu mal-erwieħ l-oħrajn fl-istennija tagħhom biex jidħlu fil-Ġenna. Fl-isfond tat-tila numru ieħor ta' erwieħ jidhru qegħdin jissaffew mid-dnubiet tagħhom sakemm huma wkoll jidħlu fil-Glorja tal-Ġenna.

Dan huwa kwadru ta' interess kbir fejn l-artist inkluda s-suġġett tas-Salvazzjoni tal-Erwieħ bl-interċessjoni tal-Madonna bil-Barka tat-Trinità Qaddisa. Il-festa t-tajba lil kulħadd.